MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2008

Numru 375/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**

**vs**

**Sylvester Cilia**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Sylvester Cilia ta' 21 sena bin Philip u Mary nee' Borg,imwieled fil-Pieta' fis-6 ta' Awissu, 1985 residenti 'Philipmar' Triq il-Grazzja Zebbug u detentur tal-

karta tal-identita’ numru 397285 (M) gie quddiemha akkuzat talli :

B’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ resoluzzzjoni wahda u cioe’ talli ;

1. Fil-21 ta’ Awissu, 2006 ghall-habta tat-3.00 ta’ wara nofsinhar mix-xatt ta’ l-Ghadira fil-Mellieha kkommetta serq ta’ basket li kien fih apparat cellulari tal-marka ‘Nokia-3310’ u diversi oggetti ohra li l-valur globali taghhom jammonta ghall-hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-dannu ta’ Malcolm Cuschieri.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta serq ta’ basket li kien fih apparat cellulari tal-marka ‘Sagem-X5’ u oggetti ohra li l-valur globali taghhom jammonta ghal tmenin lira Maltin (Lm80) ghad-dannu ta’ Kurt Galea.

3. Fit-22 ta’ Awissu, 2006 ghall-habta tal-11.00 ta’ filghodu mix-xatt ta’ l-Ghadira, Mellieha, kkommetta serq ta’ basket li kien fih apparat cellulari tal-marka ‘Motorola’ u hwejjeg ohra ghad-dannu ta’ Angela Ellul liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000).

4. Fit-23 ta’ Awissu, 2006 ghall-habta tal-5.00 ta’ wara nofsinhar mix-xatt tal-Bajja San Tumas M’ Scala, kkommetta serq ta’ basket li kien fih apparat cellulari tal-marka ‘Panasonic’, HSBC Quick-cash card, dokumenti u hwejjeg ohra ghad-dannu ta’ Fabienne Sammut liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000).

5. Fit-23 ta’ Awissu, 2006 u fil-granet ta’ wara din id-data permezz ta’ l-istess ‘Quick Cash Card’ ikkommetta serq ta’ hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) flus kontanti ghad-dannu ta’ Fabienne Sammut u/jew tad-dirigneti ta’ l-HSBC, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Malrin (Lm1000).

6. Fl-24 ta’ Awissu, 2006 ghall-habta tal-12.15 ta’ wara nofsinhar mix-xatt tal-Bajja s-Sabiha, B’Bugia, kkommetta serq ta’ basket li kien fih apparat cellulari tal-marka ‘Nokia-3310’ u hwejjeg ohra ghad-dannu ta’ Joseph Lomax liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000).

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta serq ta’ basket li kien fih apparat cellulari tal-marka ‘Samsung-E640’ u hwejjeg ohra ghad-dannu ta’ Mary Borg liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000).

8. Fl-istess dati u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

9. Fl-istess dati u cirkostanzi, kkommetta diversi reati ta’ serq waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta’ Marzu, 2006.

10. Sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ Mejju 2007 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2008 iddikjaraw li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammisjoni tal-imputat Sylvester Cilia kif registrata fl-atti fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jidisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Ikkunsidrat :

Illi fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2008 l-imputat talab li jigi nominat Ufficjal tal-Probation sabiex ihejji pre-sentencing inquiry report dwaru liema talba giet milqugha mill-Qorti.

Illi waqt l-udjenza tat-22 ta’ Mejju 2008 xehed il-Probation Officer Trevor Clafato li esebixxa r-relazzjoni tieghu (a fol. 48 tal-process) fejn huwa rrakkomanda li l-imputat jinghata piena karcerarja li tkun abbinata ma’ element riabilitattiv u dan sabiex l-imputat ikun jista’ jeghleb il-problema li ghandu mill-abbuz tad-droga. L-istess Probation Officer qal li huwa necessarju li l-imputat jattendi programm ta’ rijabilitazzjoni residenzjali u spjega li mill-inkontri li huwa qed ikollu mieghu fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin fejn l-imputat qed jiskonta sentenzi ohra, seta’ jikkonstata li l-imputat qed juri x-xewqa li jibda programm residenzjali.

Ikkunsidrat ulterjorment :

Illi permezz tad-disa’ akkuza l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta diversi reati ta’ serq waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza li giet imposta fuqu minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-13 ta’ Marzu 2006.

Illi din il-Qorti rat li permezz ta’ sentenza ohra ta’ din il-Qorti kif diversament presjeduta moghtija fl-14 ta’ Frar 2007 giet reza operattiva is-sentenza sospiza tat-13 ta Marzu 2006 u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tad-disa’ akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti sejra wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat, u cioe’

dik ta’ ricettazjoni stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel seba’ akkuzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 261, 284, 285, 263, 267, 278 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta tiddikjara li qed issib lill-imutat Sylvester Cilia hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt, is-seba’ u l-ghaxar akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah piena karcerarja b’mod komplessiv ta’ sbatax (17) -il xahar prigunerija ghall-akkuzi kollha li taghhom sabitu hati u tissollecita lid-Direttur tal-Facilita’ Korettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat jinghata kull ghajnuna necessarja sabiex jitratta l-problema li ghandu mill-abbuz tad-droga b’dan li huwa possibilment ikun jista’ jsegwi programm ta’ riabilitazzjoni residenzjali.

Ghar-ragunijiet spjegati aktar ‘il fuq il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien u d-disa’ akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------